**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Arthur Mercieca**

**Vs**

**Jonathan Agius**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jonathan Agius, 30 sena, iben Emanuel u Josephine nee Agius, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Frar 1981 u residenti St. John Farmhouse, Wied Qirda, Tal-Ghaba, l/o Siggiewi detentur ta' Karta ta' l-identita' bin-numru 124781M;

Talli nhar is-7 ta' Mejju 2011 u/jew fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1) Talli nhar is-7 ta' Mejju 2011 u/jew fil-granet ta' wara din id-data, minn gewwa garaxx numru 62 sitwat fi Triq Had-Dingli, Rabat, ikkommetta serq ta' vettura b'numru ta' registrazzjoni BBS568 u diversi oggetti ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta' Mariella Gauci u/jew persuna/i ohra;

2) U aktar talli nhar is-7 ta' Mejju 2011 u/jew fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli nhar is-7 ta' Mejju 2011 u/jew fix-xhur ta' wara din id-data' f'dawn il-Gzejjer, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4) U aktar talli nhar is-7 ta' Mejju 2011 u/jew fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew cerifikat falz;

5) U aktar talli nhar is-7 ta' Mejju 2011 u/jew fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghrif falz..

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kellu relazzjoni mal-parti leza, Mariella Gauci, li kienet intemmet f'Mejju 2011 wara li damet xi sitt snin. Hekk kif intemmet din ir-relazzjoni, l-imputat ha pussess ta' vettura tat-tip VW Golf, bin-numru BBS – 568, registrata fuq isem Gauci, ghamel it-'transfer' tal-vettura minn fuq ismu ghal fuq isimha, u zamm il-vettura ghandu. Gauci ghamelt rapport lill-Pulizija f'Mejju 2011 li Agius kien hadilha l-karozza, u li ma riedt jaghtihielha lura. Il-Pulizija ghalhekk bdiet l-investigazzjonijiet taghha u l-imputat kien gie arrestat fil-31 ta' Lulju, 2011, u tressaq b'arrest akkuzat li seraq il-vettura msemmija, u li ffalsifika l-firem fuq il-'logbook' biex sar it-'transfer' fuq l-istess. Hu wiegeb li mhux hati, u b'hekk inbdew dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u dokumenti bhala provi f'din il-kawza. L-Ispettur Chris Pullicino esebixxa l-istqarrija tal-imputat, rilaxxata minnu fl-1 ta' Awwissu 2011, a fol 19 tal-process. Stephen Cachia, ghal Transport Malta, esebixxa l-'logbook' tal-vettura bil-firem tal-partijiet fuqu, u qal li l-vettura kienet registrata f'isem Gauci fil-5 ta' Settembru 2008, u giet trasferita fuq isem l-imputat fl-14 ta' Gunju 2011. Il-'logbook' esebit a fol 30, u l-polza tal-assikurazzjoni a fol 29. L-Ispettur Luke Bonello – li dak iz-zmien kien is-Surgent li ha r-rapport ta' Gauci, esebixxa l-okkorrenza a fol 38. Xehed ukoll PS 546 Mario Deguara li kkonferma l-istess rapport tal-okkorrenza. PS 1152 Manwel Saliba ikkonferma l-istqarrija tal-imputat, u esebixxa r-rifjut tal-parir legali a fol 64.

Xehdet Mariella Gauci, ix-xhud ewlenija f'din il-kawza, li kkonfermat li l-imputat u hi kellhom relazzjoni li damet ghal xi sitt snin, u li ntemmet f'Mejju 2011. Meta gara hekk, hi saret taf li l-vettura registrata fuq isimha, Golf bin-numru BBS – 568, kien hadha l-imputat minn garaxx taghha u zammha ghandu. Dan saret taf bih peress illi hu kien qaleb il-vettura u

l-polza ta’ assigurazzjoni fuq ismu, minghajr ma kien qalilha. Ghalhekk ghamlet rapport lill-Pulizija. Hi qalet li ma ffirmat ebda ‘transfer’ tal-vettura. Spjegat kif kienet xtrat il-vettura u kif kienet hadet self mill-Bank biex xtratha, kif hallset lura dan is-self lill-Bank, u kif kienet hallset ukoll xi kambjali fuq il-vettura, peress illi skond il-kuntratt, parti thallset dirett lil Gaetano Camilleri Car Sales, permezz ta’ cheque tal-Bank, u l-kumplament b’kambjali lil Camilleri. Qalet ghalhekk li l-vettura kienet imhallsa kollha minnha, u kienet registrata fuq isimha. Qalet ukoll li f’dak iz-zmien, Agius kien baghtilha messagg fuq il-mobile taghha, fejn qalilha grazzi talli ffirmat il-logbook u tal-hwejjeg. Ghalhekk marret issaqsi lil tal-assikurazzjoni tal-vettura, u qalulha li f’Gunju 2011 din kienet inqallbet ghal fuq isem l-imputat. Meta giet murija l-‘logbook’ esebit fl-atti, hi cahdet li kienet iffirmatu, ghalkemm kien hemm firma li tixbah lill-firma taghha. Hi esebiet ukoll kopja tal-pagamenti li ghamlet mill-kontijiet taghha, a fol 82 u 83 tal-process, kopja tal-kuntratt tax-xiri tal-vettura, a fol 84 sa 86, u kopji ta’ tnax-il kambjala minn fol 87 sa fol 98.

PS 1184 Patrick Grech esebixxa ritratti tal-vettura a fol 101, u PC 1201 J Cassar ikkonferma r-rifjut tal-parir legali moghti lill-imputat. In-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 3 ta’ Dicembru 2012 inqrat l-ghada, 4 ta’ Dicembru, 2012, u l-Prosekuzzjoni kompliet bil-provi taghha. Xehed Gaetano Camilleri, li kien biegh il-vettura in kwistjoni u esebixxa l-original tal-kuntratt esebit minn Gauci. Il-kuntratt kien iffirmat minn Gauci kif ukoll mill-imputat, kif del resto kienu wkoll iffirmati l-kambjali.

Minn Marzu 2013 sa Marzu 2016 ma sar xejn. L-espert tal-Qorti Dr Martin Bajada esebixxa r-rapport tieghu a fol 163 tal-process. Id-difiza tellghet lil Mariella Gauci in kontro-ezami, li baqghet issostni l-posizzjoni taghha li l-vettura kienet xtratha u hallsitha hi. Hareg mill-kontro-ezami li hi kellha zewg vetturi ohra f’isimha dak iz-zmien, u t-tnejn kienu mhallsa minghajr dejn fuqhom. Ikkonfermat li kemm il-kuntratt kif ukoll il-kambjali kienu ffirmati mill-imputat, ghax, skond hi, ried jiddeffes hu. Hareg ukoll li hi kellha prokura ta’ Agius biex tehodlu hsieb tal-kont bankarju tieghu. Cahdet li Agius qatt kien hallas xi haga fuq din il-vettura minn flusu. Qablet li Agius kien ra l-vettura l-ewwel, u li ried li din tkun il-vettura taghhom biex johorgu flimkien nhar ta’ Hadd. Qalet ukoll li ma ffirmatx il-‘logbook’.

In difesa xehed l-imputat, li qal li l-vettura kien raha hu ghand Gaetano Camilleri, u kienu xtrawha hu u Gauci flimkien. Qal li hi kienet hadet self mill-Bank biex tithallas il-vettura, u hu kien ighaddilha flus f’idejha jeww ic-cheque tal-paga minn zmien ghal zmien, biex ihallasha tal-flus li kienet qed tohrog. Qal li dak iz-zmien kellu xi tilwim ma’ tal-familja fuq flus, allura ma riedx juri li kien qed jixtri vettura fuq ismu. Fil-fatt hu kkonferma li kien ta prokura lil Gauci sabiex tehodlu hsieb tal-kont bankarju tieghu. Qal li Gauci accettat li tiffirma l-logbook sabiex il-vettura tinqaleb fuq ismu. Hu cahad li vvinta storja li kien habat bil-vettura u li l-Pulizija riedu l-logbook. Cahad ukoll li kien iffalsifika l-firma taghha. Id-difiza tellghet ukoll lil rappresentant tal-APS Bank li esebixxa kopja tal-kont bankarju li kellu l-imputat dak iz-zmien.

Minn dawn il-provi jirrisulta car x’kien l-animu tal-imputat. Il-fatti innegabbli huma s-segwenti. Il-vettura kienet registrata fuq isem Mariella Gauci. Il-kuntratt ta’ xiri tal-istess vettura kien iffirmat minnhom it-tnejn, kif ukoll il-kambjali mahruga fuq il-bilanc li kien ghadu dovut. Gauci hallset il-vettura permezz ta’ self mill-Bank, u kellha wkoll prokura fuq il-kont bankarju tal-imputat. Il-logbook huwa ffirmat minnhom it-tnejn. In parentesi, il-Qorti qed tiskarta l-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert imqabbad minnha stess, ghar-raguni li, fil-

fehma tal-Qorti, il-firma ta' Gauci li hemm fuq il-logbook hija simili hafna ghall-firma propja taghha. Il-Qorti ma taqbilx li dik il-firma giet iffalsifikata.

Tenut kont ta' dawn il-fatti, il-Qorti trid tara issa jekk jinkwadrawx l-imputazzjonijiet migjuba kontra Agius. L-ewwel imputazzjoni, dik ta' serq, assolutament ma tirrizultax. Huwa nieqes ghal kollox l-element ewlieni fir-reat ta' serq, cioe' il-pussess ta' hwejjeg haddiehor. Il-fatt li Agius iffirma l-kuntratt u l-kambjali fuq il-vettura jaghtuh titolu legittimu, anke jekk il-vettura ma kienetx registrata fuq ismu dak il-hin. Se mai, setghet ittiehdet azzjoni ta' ragion fattasi, haga li, izda, ma saretx. Ghalhekk dan ir-reat qed jigi skartat.

Kwantu ghar-reat l-iehor ta' falsifikazzjoni, dan ukoll ma jirrisultax ippruvat. Il-Qorti hija konvinta, sal-konvinciment morali, li l-firma ta' Gauci fuq il-logbook hija fil-fatt taghha. Jekk din ittiehdet b'qerq mill-imputat, haga li saret riferenza ghaliha fl-istqarrija tieghu, jew jekk inghatatx liberament minnha, ftit li xejn ibiddel il-fatt li dik il-firma hija taghha u hija awtentika. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-imputat iffalsifika l-firma taghha fuq dak id-dokument. Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, il-Qorti hija propensa temmen il-verzjoni tal-imputat Ma jaghmel ebda sens li Gauci kellha tiffirma l-logbook ghax il-vettura kienet giet maqbuda mill-Pulizija, ghax kien allegatament habat biha l-imputat. Il-Qorti temmen li Gauci minn jeddha iffirmat il-logbook. Din il-kwistjoni kollha bejn il-partijiet kienet biss wahda civili, li kellha tigi rizolta f'qorti civili. Se mai, bhal ma gia' qalet din il-Qorti, fl-aghar ipotesi setghu ittiehdu passi ai termini tar-reat ta' ragion fattasi, izda dan ma sarx, u allura l-Qorti ma tistax tikkonsidra dawk l-elementi. Huwa zgur, pero', li la jirrizultaw l-elementi formali tar-reat ta' serq, u l-anqas dawk tal-falsifikazzjoni. Ghalhekk il-Qorti mhix ser issib lill-imputat hati u sejra tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 183, 184, 185(1)(2), 186, 188(1), 261 (b)(c)(g), 263, 267, 271, 287, 279(b), 280 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**